MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-2 ta' Awwissu, 2013

Mandat Numru. 1023/2013/1

**Pierre Darmanin**

***kontra***

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**
**Il-Harbour Master**
**Enemalta**
**Il-Kontrollur tad-Dwana**
**L-Awtorita` dwar it-Trasport f`Malta**
**L-Avukat Generali**
**Il-Kmandant tal-Forzi Armati**
**Il-Forzi Armati ta` Malta**
**Ir-Registratur tal-Qrati**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors prezentat fil-11 ta` Lulju 2013 fejn ir-rikorrent bil-gurament tieghu talab *testwalment* sabiex l-intimati jinzammu milli –

*1. Jittrasferixxu, inehhu, ibieghu, ihottu, jiccaqilqu, jmissu kwalunkwe fuel u/jew diesel li legalment u regolarment tinstab fuq il-bastiment M.V. Silverking, propjeta` ta` l-esponenti ; l-istess bastiment regolarment kopert bil-permessi kollha sabiex jista` jsir it-transfer ta` fuel) li tinstab mizmum fil-Port il-Kbir ;*

*2. Jittrasferixxu, inehhu, ibieghu, ihottu, jiccaqilqu l-imsemmi fuq mill-bastiment M.V. Silverking ghal fuq barge, bastimenti ohrajn u/jew kwalunkwe dghajsa ohra jew mezz ta` trasport ;*

*3. Jaghtu ordni/kwalunkwe ordni sabiex isir l-istess ;*

Rat id-digriet taghha tal-11 ta` Lulju 2013 fejn laqghet it-talba tar-rikorrent provvizorjament, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati bi zmien ghaxart ijiem ghar-risposta, u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tal-25 ta` Lulju 2013 fid-9.00 a.m.

Rat li l-intimati kienu notifikati fil-11 ta` Lulju 2013.

Rat ir-risposta tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali, li kienet prezentata fil-15 ta` Lulju 2013, ir-risposta tal-Awtorita` Ghat-Trasport f`Malta u l-Harbour Master flimkien, li kienet prezentata fit-18 ta` Lulju 2013, ir-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta, li kienet prezentata fid-19 ta` Lulju 2013, u r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija, tal-Kmandant tal-Forzi Armati u l-Avukat Generali flimkien, li kienet prezentata fit-22 ta` Lulju 2013, fejn, ghar-ragunijiet moghtija, talbu lil din il-Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrent.

Semghet ix-xiehda tar-rikorrent, tal-Ispettur tal-Pulizija Kylie Borg u ta` Anthony Busuttil fl-udjenza tal-25 ta` Lulju 2013, u rat id-dokumenti kollha li kienu prezentati waqt l-istess udjenza.

Semghet lill-Av. Nadia Vella, kif debitament awtorizzata mill-Kummissarju tal-Pulizija, tiddikjara fl-istess udjenza, ghall-fini tal-Art 873(3) tal-Kap 12, illi kieku ma kienx ghall-presentata tar-rikors u ghad-digriet ta` din il-Qorti tal-11 ta` Lulju 2013, fejn it-talba tar-rikorrent kienet milqugha provizorjament, il-Kumissarju tal-Pulizija kien ser inehhi l-fuel minn fuq il-bastiment in kwistjoni u jimxi mat-termini tad-digriet tal-Magistrat Inkwirenti.

Rat in-nota tar-rikorrent li kienet prezentata fl-udjenza tal-25 ta` Lulju 2013 fejn ceda l-atti ta` dan il-procediment limitatament fil-konfront tal-intimati Harbour Master u l-Awtorita` Ghat-Trasport f`Malta.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fl-istess udjenza wara li nghalaq il-gbir tal-provi.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera*.

**Ikkunsidrat :**

## II. Fatti

**Fil-qosor** il-fatti kienu dawn –

Fl-1 ta` Lulju 2013 kien hemm tixrid (*spillage*) ta` fuel barra l-ibhra territorjali ta` Malta. Dan it-tixrid kien notat minn patrol boats tal-Forzi Armati ta` Malta. Erba` bastimenti li setghu kienu nvoluti, fosthom l-*M.V.*

*Silverking,* kienu skortati lejn il-Port il-Kbir. Saret inkjesta magisterjali sabiex ikun stabbilit min kien responsabbli ghall-*spillage* u fl-ambitu tal-inkjesta kienu nvoluti diversi awtoritajiet pubblici u nhatru esperti. Fuq l-*M.V. Silverking* kien hemm taghbija ta` fuel li kienet gejja minn Misrata fil-Libja. Mill-istharrig irrizulta li l-*M.V. Silverking* ma kien bl-ebda mod involut fl-*spillage.* Wara li dan il-bastiment dahal Malta, l-awtoritajiet sabu li l-bastiment ma setax iwettaq operat ta` *bunkering* fl-ibhra territorjali Maltin ghax skond ir-regolamenti vigenti kien biss *a supply vessel* ; inoltre ma setax jahzen iz-zejt fih. Dawn ic-cirkostanzi gabu *safety concerns* li fil-kaz tal-*M.V. Silverking* kienu gravuzi billi l-membri kollha tal-ekwipagg ma kellhomx permess jinzlu Malta minn abbord u kwindi kienu kostretti jibqghu fuq il-vapur. Fil-5 ta` Lulju 2013, il-Magistrat Inkwirenti ordnat li l-*M.V. Silverking* jibqa` sorgut f`Boiler Wharf. Fil-10 u fil-11 ta` Lulju 2013, *jidher* illi r-rikorrent pprezenta zewg rikorsi fejn talab lill-Magistrat Inkwirenti sabiex tordna r-rilaxx tal-*M.V. Silverking.* Min-naha tieghu, il-Kummissarju tal-Pulizija talab lill-Magistrat Inkwirenti sabiex il-fuel jitnehha minn fuq l-*M.V. Silverking* u mill-bastimenti l-ohra. Il-Magistrat Inkwirenti hatret lill-Ing. Edwin Aquilina biex ihejji *risk assessment.* Fuq l-iskorta ta` dak ir-rapport tat provvediment fejn ordnat li l-fuel fuq il-bastimenti (<u>eskluz</u> l-*M.V. Silverking*) jingarr, a spejjez tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, mill-Korporazzjoni Enemalta sabiex jinzamm u jintuza mill-Korporazzjoni, b`rizerva ghad-dritt ta` kumpens favur is-sidien tal-fuel fl-eventwalita` illi ma jittiehdu l-ebda proceduri kriminali u l-fuel ma jkunx soggett ghall-konfiska. L-*M.V. Silverking* kien eskluz mill-provvediment ghaliex lahaq dahal fis-sehh id-digriet provvizorju ta` din il-Qorti. Il-posizzjoni tar-rikorrent hija li huwa xtara l-fuel b`mod regolari u kif suppost u kwindi ma kellux ikun kostrett jiddisponi mill-fuel. Jirrizulta illi fis-16 ta` Lulju 2013 ir-rikorrenti pprezenta rikors fejn talab il-hrug ta` kontromandat fil-procediment tal-lum (Nru 1068/2013), liema rikors kien pero` ritirat fid-19 ta` Lulju 2013.

**Ikkunsidrat :**

## III. **Dritt**

Skond l-**Art.873(1)** tal-Kap.12 –

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Skond l-**Art.873(2)** tal-Kap.12 –

*Il-Qorti* ***m'ghandhiex*** *tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Mill-Art.873(2) johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa : fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu ; u fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

... *huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Hemm imbaghad l-**Art.873(3)** tal-Kap.12 li jaqra hekk –

*Il-qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali*

*tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.*

Mela fejn, bhal fil-kaz tal-lum, anke wiehed mill-intimati jkun l-Gvern, b'**__żieda__** ma` l-elementi li johorgu mis-subincizi (1) u (2) tal-Art.873, irid jitqies ukoll dak li jinghad fis-subinciz (3) u cioe` (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.

Ghar-rigward tal-element tal-*pregudizzju* fil-kuntest tas-subinciz (3) din il-Qorti tghid illi wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar preġudizzju "*li ma jkunx jista' jiġi rimedjat*" bħala l-bażi biex tkun milqugha talba għall-ħruġ tal-mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat li dak il-preġudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-ħaġa titwettaq.

L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulativi u __mhux__ alternativi. Li allura jfisser illi jekk xi wieħed mill-elementi ma jirriżultax, il-Qorti **__hija obbligata__** tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' l-Mandat.

**Kif diga` kellha okkazjoni tghid qabel illum, din il-Qorti tirriafferma illi l-procedura tal-lum hija maħsuba biex waħda sommarja. Kwindi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi procediment bħal dak tal-lum, kull ma ghandu**

**jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Infatti bil-fatt illi tintlaqa` talba għall-ħruġ ta' l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiż ma jeżistix.**

**<u>Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu</u>. Hadd mill-partijiet ma jista' jew m'ghandu jippretendi li mad-"*daqqa t'ghajn*" ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura <u>specjali u partikolari</u> tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa <u>limitat u cirkoskritt</u> biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni.**

**Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali <u>eċċezzjonali</u>. Ghalhekk ma jistax jinhareg il-Mandat jekk il-ħsara lamentata mir-rikorrent tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.**

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Risultanzi</u>**

Qabel kull konsiderazzjoni ohra, din il-Qorti tibda billi tirrimarka ghalkemm ir-rikorrent kien specifiku fit-talbiet tieghu, huwa naqas milli fit-test tar-rikors jindika l-kwalita` ta` pregudizzju li ma riedx illi jgarrab. Lanqas ma ndika l-jeddijiet li kontra eventwali ksur taghhom kien qieghed jitlob harsien mill-Qorti. Din il-Qorti ma tasalx biex tghid illi r-rikors kien irritu u null izda fl-istess waqt kienet tippretendi li fl-ewwel lok ir-rikorrent jesponi <u>kjarament</u> il-

fatti li jsostnu t-talbiet tieghu fil-kuntest ta` dak li tghid il-ligi dwar procediment ta` din ix-xorta, anke tenut kont tal-fatt li l-kontenut tar-rikors kien qed jigi konfermat minnu bil-gurament, u fit-tieni lok kellu isostni dawk il-fatti fl-istadju tal-presentata tar-rikors billi jesebixxi d-dokumenti korraborativi.  In parte r-rikorrent mela dan il-vojt li holoq huwa stess bix-xiehda tieghu waqt it-trattazzjoni tar-rikors u bid-dokumenti li pprezenta f`dak l-istadju.  Jibqa` l-fatt illi r-rikorrent kellu jkun aktar skrupoluz fl-osservanza tad-dettami tal-ligi.

Waqt it-trattazzjoni tar-rikors, instemghu xhieda u kienu esebiti dokumenti.  Bosta minn dawn il-provi ma kienux daqstant mehtiega specifikament ghall-fini tal-procediment tal-lum. Ghaliex mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti li tiddeciedi kwistjonijiet ta` meritu, izda r-rwol taghha huwa ben definit u delineat minn parametri stabbiliti mil-ligi stess, u riaffermati fil-kuntest reali taghhom mill-gurisprudenza.

Irid jinghad li dan tal-lum mhuwiex procediment **ordinarju**.  Tant mhuwiex hekk illi l-ligi stess **trid u tinsisti** *ad validitem* li qabel jinghata  provvediment – naha jew ohra – mhux biss ir-rikors fejn jintalab il-hrug tal-mandat jigi notifikat lill-kontroparti, izda li qabel jinghata provvediment, irid ikun hemm smigh.  Hekk sar fil-kaz tal-lum. Dak tal-lum huwa procediment **straordinarju**, anke ghaliex filwaqt li l-ligi tiggarantixxi kemm jista` jkun b`mod wiesgha d-dritt tas-smigh, fl-istess waqt tinsisti fuq assidwita` fit-twettieq ta` dak li l-ligi trid tikseb bi procediment bhal dan tal-lum, li *in fondo* jibqa` ta` natura kawtelatorja.  Trid tassikura li jkunu sodisfatti l-elementi kumulattivi (mhux alternattivi) li flimkien (minghajr eskluzjoni ta` xi wahda) iwasslu ghall-hrug tal-mandat.

**Dan premess, din il-Qorti waqt illi tghid illi hija sodisfatta illi l-ewwel parti tal-Art 873(3) tal-Kap 12 iregi fil-kaz tal-lum wara d-dikjarazzjoni li saret mir-rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija, tghid**

**daqstant kjarament u inekwivokament illi fil-kaz tal-lum huwa karenti r-rekwizit tal-jedd *prima facie.***

Fir-rikors tieghu, ir-rikorrent ighid bil-gurament illi l-bastiment *M.V. Silverking* huwa propjeta` tieghu. Fil-fatt mid-dokument a fol 11 li kien prezentat mill-intimati Awtorita` Ghat-Trasport f`Malta u l-Harbour Master irrizulta li s-sid tal-bastiment kienet il-kumpannija Silver King Limited. Fid-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti, ir-rikorrent jaccetta illi mhuwiex personalment is-sid tal-bastiment izda li l-bastiment jappartjeni lill-kumpannija Silver King Limited. Il-fatt illi r-rikorrent *de proprio* huwa direttur u azzjonista ta` din il-kumpannija ma jaghti ebda jedd lir-rikorrent – lanqas *prima facie* – li jagixxi *de proprio* meta kien jaf illi mhuwiex is-sid tal-bastiment. Kien evidenti t-tentattiv tar-rikorrent illi fl-istadju tat-trattazzjoni tar-rikors u wara l-presentata tar-risposti tal-intimati jipprova jirrimedja ghall-mankanzi tieghu billi jitlob zieda fl-*occhio* tar-rikors, liema talba kienet respinta mill-Qorti ghar-ragunijiet illi ndikat fid-digriet li tat *seduta stante* fl-udjenza tal-25 ta` Lulju 2013.

Accertat illi l-bastiment mhuwiex propjeta` tar-rikorrent, din il-Qorti ttentat tistabilixxi min kien il-propjetarju tal-fuel li kien qieghed jingarr mill-bastiment, ladarba r-rikorrent *de proprio* talab lil din il-Qorti biex ma tippermettix illi jigi jitnehha minn fuq il-bastiment. Li jfisser li min kellu interess li ma jsirx caqlieq ta` fuel minn fuq il-bastiment kien is-sid ta` dak il-fuel. Li kieku rrizulta – mqar fil-livell ta` *prima facie* – li s-sid kien ir-rikorrent il-kwistjoni kienet tiehu xejra differenti, anke jekk irrizulta li r-rikorrent *de proprio* ma kienx is-sid tal-bastiment. Fid-desposizzjoni tieghu, ir-rikorrent ikkonferma bl-aktar mod car illi huwa ma kienx is-sid tal-fuel. *Jidher* li s-sid kienet Silver King Limited ghalkemm ma jirrizultax hekk car mid-Dok PD2 li pprezenta Pierre Darmanin waqt ix-xiehda tieghu.

Dan kollu jwassal lil din il-Qorti biex tghid illi mad-*daqqa t`ghajn* ir-rikorrent *de proprio* m`ghandux il-jedd illi jitlob l-intervent taghha fil-procediment tal-lum. Ghax dak huwa l-kaz, ikun ghal kollox inutili ghaliha li tghaddi ghall-konsiderazzjoni ta` kwalsiasi prova, cirkostanza, argument jew sottomissjoni li tolqot il-mertu jew ir-rekwizit l-iehor tal-i*sproporzjon fil-pregudizzju* ladarba r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi **mhux** alternattivi. Sabiex tintlaqa` t-talba ghall-hrug tal-Mandat, ir-rekwiziti huma stretti u l-Qorti hija prekluza (***m`ghandhiex***) tordna l-hrug tal-Mandat jekk mhux ir-rekwiziti **kollha** (minghajr eskluzjoni) ikunu sodisfatti. Mankanti mqar wiehed, il-Mandat ta` Inibizzjoni ma jistax johrog.

**Għar--raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi –**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tar-rikorrent kontra l-intimati Habour Master u Awtorita` dwar it-Trasport f`Malta stante ic-cessjoni mir-rikorrent tal-atti fil-konfront ta` dawk l-intimati fil-mori tar-rikors.**

**Tichad it-talba tar-rikorrent għall-ħruġ ta` Mandat ta` Inibizzjoni fil-konfront tal-intimati l-ohra kollha billi ma jirriżultawx l-elementi kollha li trid il-ligi għall-ħruġ tal-istess ;**

**Tħassar *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-11 ta` Lulju 2013, safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrent b'mod provviżorju ;**

**Tordna lir-rikorrent sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------